# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 99

Volum 63

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

31 ta' Marzu 2020


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament (UE) 2020/459 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità** ([1]) ..... 1

★ **Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewopew u tal Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus)** ..... 5

★ **Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri** ..... 9


II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/462 tal-20 ta' Frar 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' informazzjoni biex jiġi evalwat l-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda dak il-Ftehim** ..... 13


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2020/459 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Marzu 2020**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) It-tifqigħa ta' COVID-19 wasslet għal tnaqqis kbir fit-traffiku tal-ajru bħala riżultat ta' tnaqqis sinifikanti fid-domanda u miżuri diretti meħuda mill-Istati Membri kif ukoll minn pajjiżi terzi biex jikkontrollaw it-tifqigħa. L-impatt serju konsegwenti fuq it-trasportaturi tal-ajru beda jidher kmieni sa minn Jannar 2020, fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ilu jinxtered mill-1 ta' Marzu 2020, u x'aktarx ser jaffettwa mill-inqas żewġ perijodi ta' skedar, dawk tax-xitwa 2019/2020 u tas-sajf 2020.

(2) Dawk iċ-ċirkostanzi huma barra mill-kontroll tat-trasportaturi tal-ajru u l-kanċellazzjoni konsegwenti volontarja jew obbligatorja tas-servizzi tal-ajru mit-trasportaturi tal-ajru hija reazzjoni neċessarja jew leġittima għal dawk iċ-ċirkostanzi. B'mod partikolari, il-kanċellazzjonijiet volontarji jipproteġu s-saħħa finanzjarja tat-trasportaturi tal-ajru u jevitaw l-impatt ambjentali negattiv ta' titjiriet vojta jew fil-maġġoranza vojta operati biss biex jinżammu s-slots tal-ajruporti sottostanti.

(3) Iċ-ċifri ppubblikati mill-Eurocontrol, li hija l-operatur tan-netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tat-traffiku tal-arju tal-Ajru Uniku Ewropew, jindikaw tnaqqis fuq bażi ta' sena wara sena ta' madwar 10 % fit-traffiku tal-ajru għar-reġjun Ewropew fl-ewwel nofs ta' Marzu 2020. It-trasportaturi tal-ajru qegħdin jirrapportaw tnaqqis kbir fil-prenotazzjonijiet u qegħdin jimplimentaw kanċellazzjonijiet sinifikanti ta' titjiriet fil-perijodi ta' skedar tax-"xitwa 2019/2020" u tas-"sajf 2020" bħala riżultat tat-tifqigħa.

([1]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020.

(4) Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 ([2]), moqri flimkien mal-Artikolu 10(2) tiegħu, in-nuqqas ta' trasportatur tal-ajru li jopera mill-inqas 80 % ta' serje ta' slots li ġew allokati lilu f'ajruport ikkoordinat jhedded il-preċedenza storika għal dawn is-slots.

(5) L-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 jippermetti lill-koordinaturi tas-slots biex, għall-fini tal-kalkolu tal-preċedenza storika, ma jqisux in-nuqqas ta' utilizzazzjoni tas-slots tal-ajruport għall-perijodi li matulhom it-trasportatur tal-ajru ma jkunx jista' jopera s-servizzi tal-ajru ppjanati minħabba, pereżempju, l-għeluq tal-ajruporti. Madankollu, dak l-Artikolu ma jindirizzax is-sitwazzjonijiet bħat-tifqigħa ta' COVID-19. Għalhekk huwa xieraq li r-Regolament (KEE) Nru 95/93 jiġi emendat skont dan.

(6) Fid-dawl tal-prenotazzjonijiet magħrufa u tal-previżjonijiet epidemjoloġiċi, wieħed jista' jistenna b'mod raġonevoli f'dan l-istadju li se jseħħ għadd sinifikanti ta' kanċellazzjonijiet minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19 fil-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u mill-inqas l-24 ta' Ottubru 2020. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' utilizzazzjoni tas-slots allokati għal dan il-perijodu ma jwassalx biex it-trasportaturi tal-ajru jitilfu l-preċedenza storika li altrimenti jkunu jgawdu. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu definiti l-kundizzjonijiet li skonthom jenħtieġ li s-slots mhux operati jitqiesu bħala li ġew operati għal dawk il-finijiet, fir-rigward tal-istaġun korrispondenti li jmiss.

(7) Is-slots fl-ajruporti koordinati huma riżorsa ekonomika ta' valur. Minkejja n-nuqqas ġenerali fit-traffiku tal-ajru, jenħtieġ li l-kanċellazzjoni tas-servizzi tal-ajru, madankollu, ma tipprevjenix l-użu tas-slots tal-ajruport minn trasportaturi tal-ajru oħrajn li jixtiequ jużawhom fuq bażi temporanja mingħajr ma jħallu t-tali slots jakkumulaw xi drittijiet ta' anterjorità. Għalhekk, meta ma jintużawx mit-trasportatur tal-ajru li ġew allokati għalih, jenħtieġ li s-slots jiġu rritornati lill-koordinatur mingħajr dewmien.

(8) Huwa diffiċli li wieħed jipprevedi l-evoluzzjoni ulterjuri ta' COVID-19 u l-impatt ulterjuri tiegħu fuq it-trasportaturi tal-ajru. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza kontinwament l-impatt ta' COVID-19 fuq is-settur tat-trasport tal-ajru u jenħtieġ li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni li testendi, mingħajr dewmien żejjed, il-perijodu li matulu japplikaw il-miżuri previsti minn dan ir-Regolament jekk jippersistu l-kundizzjonijiet negattivi.

(9) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li s-slots mhux użati minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19 jitqiesu bħala li ġew operati, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(10) Sabiex jiġu estiżi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jekk dan ikun neċessarju u ġustifikat, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu li matulu japplikaw il-miżuri previsti minn dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol taghha ta' tħejjija, ukoll fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([3]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(11) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mit-tifqigħa ta' COVID-19, ġie kkunsidrat xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta'Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta'slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

([3]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 10a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10a*

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 8(2) u 10(2), il-koordinaturi għandhom iqisu s-slots allokati għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-24 ta' Ottubru 2020 bħallikieku ġew operati mit-trasportatur tal-ajru li lilu jkunu ġew allokati inizjalment.

2. Għall-finijiet tal-Artikoli 8(2) u 10(2), il-koordinaturi għandhom iqisu s-slots allokati għall-perijodu mit-23 ta' Jannar 2020 sad-29 ta' Frar 2020 bħala li jkunu ġew operati mit-trasportatur tal-ajru li lilu jkunu ġew allokati inizjalment, fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bejn l-ajruporti fl-Unjoni u l-ajruporti fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

3. Fir-rigward tas-slots b'data aktar tard mit-8 ta' April 2020, il-paragrafu 1 għandu japplika biss meta s-slots mhux użati rilevanti jkunu saru disponibbli għall-koordinatur għar-riallokazzjoni lil trasportaturi tal-ajru oħrajn.

4. Meta l-Kummissjoni ssib, abbażi taċ-ċifri ppubblikati mill-Eurocontrol, li hija l-operatur tan-netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tat-traffiku tal-arju tal-Ajru Uniku Ewropew, li t-tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru meta mqabbel mal-livell fil-perijodu korrispondenti fis-sena preċedenti qed jippersisti u x'aktarx se jkompli jippersisti, u ssib ukoll, abbażi tal-aħjar *data* xjentifika disponibbli, li din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tal-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a biex temenda l-perijodu speċifikat fil-paragrafu 1 kif xieraq.

5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni bl-użu tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli lilha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' sinteżi dwar din il-kwistjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Settembru 2020. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat previst fil-paragrafu 4 malajr kemm jista' jkun.

6. Meta, fil-każ ta' impatt fit-tul tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tat-trasport tal-ajru fl-Unjoni, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu."

(2) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 12a*

***Eżerċizzju tad-delega***

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 10a hija mogħtija lill-Kummissjoni sat-2 ta' April 2021.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 12b*

***Proċedura ta' urġenza***

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12a(6). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | G. GRLIĆ RADMAN |

# REGOLAMENT (UE) 2020/460 TAL-PARLAMENT EWOPEW U TAL KUNSILL

## tat-30 ta' Marzu 2020

## li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2), 177 u 178 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) L-Istati Membri ġew affettwati mill-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 b'mod uniku. Il-kriżi tas-saħħa pubblika attwali tfixkel it-tkabbir fl-Istati Membri, li mbagħad taggrava n-nuqqas serju ta' likwidità minħabba żieda f'daqqa u sinifikanti fl-investimenti pubbliċi meħtieġa fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom. Dak ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li jenħtieġ li tiġi indirizzata b'miżuri speċifiċi.

(2) Huwa vitali li n-nuqqas ta' likwidità u ta' fondi pubbliċi fl-Istati Membri ma jfixkilx l-investimenti taħt programmi appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("il-FEŻR"), il-Fond Soċjali Ewropew ("il-FSE") u l-Fond ta' Koeżjoni ("il-FK") (kollettivament il-"Fondi") u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("il-FEMS") meħtieġa biex tiġi miġġielda t-tifqigħa ta' COVID-19.

(3) Sabiex iwieġeb għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika, il-FEŻR jeħtieġ li jappoġġa l-finanzjament tal-kapital operatorju fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fejn meħtieġ bħala miżura temporanja biex jiġi pprovdut rispons effettiv għall-kriżi tas-saħħa pubblika.

(4) Sabiex tagħti rispons għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika, il-prijorità ta' investiment tal-FEŻR li jissaħħu r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni għandha tkopri l-investiment fi prodotti u servizzi meħtieġa biex jitrawmu kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet fis-servizzi tas-saħħa.

(5) Sabiex tiġi pprovduta aktar flessibbiltà fl-indirizzar tat-tifqigħa ta' COVID-19, jenħtieġ li tiġi pprovduta aktar flessibbiltà lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-programmi, u jenħtieġ li tiġi pprovduta proċedura simplifikata li ma teħtieġx deċiżjoni tal-Kummissjoni għal bidliet fil-programmi operazzjonali. L-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni dwar bidliet bħal dawn jenħtieġ li tiġi ċċarata.

(6) Sabiex iwieġbu għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika, l-istrumenti finanzjarji li huma ffinanzjati mill-Fondi jenħtieġ li jipprovdu wkoll appoġġ fil-forma ta' kapital operatorju lill-SMEs jekk meħtieġ bħala miżura temporanja biex jipprovdu rispons effettiv għall-kriżi tas-saħħa pubblika.

(7) Sabiex jiġi pprovdut rispons immedjat għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika, in-nefqa għal operazzjonijiet għat-trawwim ta' kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet jenħtieġ li tkun eliġibbli mill-1 ta' Frar 2020.

([1]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020.

(8) Sabiex jiġi żgurat li Stati Membri jkollhom mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa mingħajr dewmien, huwa xieraq li l-Kummissjoni ma toħroġx ordnijiet ta' rkupru għal ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn Stati Membri għall-kontijiet annwali ppreżentati fl-2020. L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw l-ammonti mhux irkuprati biex jaċċelleraw l-investimenti relatati mat-tifqigħa ta' COVID-19 u li jkunu eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-regoli speċifiċi għall-Fond.

(9) L-ammonti mhux irkuprati fl-2020 għandhom jiġu rilaxxati jew soġġetti għal ordnijiet ta' rkupru fl-għeluq tal-programmi.

(10) Sabiex jirrispondi għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika, il-FEMS għandu jappoġġa fondi reċiproċi u assigurazzjoni fuq l-istokkijiet sabiex jiġi salvagwardjat id-dħul tas-sajjieda u tal-bdiewa tal-akkwakultura affettwati mill-kriżi tas-saħħa pubblika.

(11) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri r-rispons għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika ma jistgħax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ('TUE'). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

(12) Minħabba l-urġenza tal-appoġġ meħtieġ, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(13) Fid-dawl tat-tifqigħa ta' COVID-19 u l-urġenza biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata, tqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

(14) Ir-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 ([3]), (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1301/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Barra minn hekk, il-FEŻR jista' jappoġġa l-finanzjament tal-kapital operatorju fl-SMEs fejn meħtieġ bħala miżura temporanja biex jiġi pprovdut rispons effettiv għal kriżi tas-saħħa pubblika.";

(2) fl-Artikolu 5, il-punt 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (GU L 149, 20.5.2014, p. 1).

"(b) il-promozzjoni tal-investiment fin-negozju fl-R&I, l-iżvilupp ta' rabtiet u sinerġiji bejn l-intrapriżi, iċ-ċentri ta' riċerka u żvilupp u s-settur tal-edukazzjoni superjuri, partikolarment il-promozzjoni tal-investiment fl-iżvilupp ta' prodotti u servizzi, it-trasferiment tat-teknoloġija, l-innovazzjoni soċjali, l-ekoinnovazzjoni, l-applikazzjonijiet tas-servizz pubbliku, l-istimulu tad-domanda, in-netwerking, ir-raggruppamenti u l-innovazzjoni miftuħa permezz ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-appoġġ għar-riċerka teknoloġika u applikata, il-linji pilota, l-azzjonijiet ta' validazzjoni bikrija tal-prodotti, il-kapaċitajiet ta' manifattura avvanzati u l-ewwel produzzjoni, b'mod partikolari fit-teknoloġiji abilitanti essenzjali u t-tixrid ta' teknoloġiji għal għanijiet ġenerali kif ukoll it-trawwim tal-investiment meħtieġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet fis-servizzi tas-saħħa;".

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 30, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FSE, l-Istat Membru jista' jittrasferixxi matul il-perijodu ta' programmazzjoni ammont sa 8 % tal-allokazzjoni mill-1 ta' Frar 2020 ta' prijorità u mhux aktar minn 4 % tal-baġit tal-programm għal prijorità oħra tal-istess Fond tal-istess programm.

Tali trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw snin preċedenti. Dawn għandhom jitqiesu bħala mhux sostanzjali u ma għandhomx jirrikjedu deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm. Madankollu, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha u għandhom jiġu approvati minn qabel mill-kumitat ta' monitoraġġ. L-Istat Membru għandu jinnotifika t-tabelli finanzjarji riveduti lill-Kummissjoni.";

(2) fl-Artikolu 37(4), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Strumenti finanzjarji jistgħu jipprovdu wkoll appoġġ fil-forma ta' kapital operatorju lill-SMEs, jekk meħtieġ bħala miżura temporanja, biex jipprovdu rispons effettiv għal kriżi tas-saħħa pubblika.";

(3) fl-Artikolu 65(10), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-paragrafu 9, in-nefqa għal operazzjonijiet għat-trawwim ta' kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet fil-kuntest tat-tifqigħa ta' COVID-19 għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Frar 2020.";

(4) fl-Artikolu 96, il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30(5), il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tapprova l-elementi kollha, inkluż kwalunkwe emenda futura tagħha, tal-programm operazzjonali li jaqa' taħt dan l-Artikolu, minbarra dawk li jaqgħu taħt il-punti (b)(vi), (c)(v) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, il-paragrafi 4 u 5, u l-punti (a) u (c) tal-paragrafu 6 u l-paragrafu 7, li jibqgħu taħt ir-responsabilità tal-Istati Membri";

(5) fl-Artikolu 139(7), jiżdiedu s-sottoparagrafi li ġejjin:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni ma għandhiex toħroġ ordni ta' rkupru għall-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mill-Istat Membru għall-kontijiet ippreżentati fl-2020. L-ammonti mhux irkuprati għandhom jintużaw biex jiġu aċċellerati l-investimenti relatati mat-tifqigħa COVID-19 u li jkunu eliġibbli skont dan ir-Regolament u regoli speċifiċi għall-Fond.

L-ammonti mhux irkuprati għandhom jiġu rilaxxati jew irkuprati fil-mument tal-għeluq.".

*Artikolu 3*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 508/2014**

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Fondi reċiproċi għal kriżijiet tas-saħħa pubblika, avvenimenti klimatiċi negattivi u inċidenti ambjentali";

(b) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għal fondi reċiproċi li jħallsu kumpens finanzjarju lil sajjieda għal telf ekonomiku kkawżat minn kriżijiet tas-saħħa pubblika, avvenimenti klimatiċi negattivi jew minn inċidenti ambjentali jew għall-kostijiet ta' salvataġġ tas-sajjieda u tal-bastimenti tas-sajd f'każ li jkun hemm inċidenti fuq il-baħar matul l-attivitajiet tas-sajd tagħhom.";

(c) il-paragrafi 5 u 6 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-istabbiliment u l-ġestjoni tal-fondi reċiproċi, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti ta' kumpens u l-eliġibbiltà tas-sajjieda għal tali kumpens f'każ ta' kriżijiet tas-saħħa pubblika, avvenimenti klimatiċi negattivi, inċidenti ambjentali jew inċidenti fuq il-baħar kif imsemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawk ir-regoli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti relatati mal-fondi jipprevedu pieni fil-każ ta' negliġenza min-naħa tas-sajjied.

6. Kriżijiet tas-saħħa pubblika, avvenimenti klimatiċi negattivi, inċidenti ambjentali jew inċidenti fuq il-baħar kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawk rikonoxxuti formalment li seħħew mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.";

(d) il-paragrafu 8 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw biss biex jiġi kopert it-telf ikkawżat minn kriżijiet tas-saħħa pubblika, avvenimenti klimatiċi negattivi, inċidenti ambjentali jew inċidenti fuq il-baħar li jammontaw għal iktar minn 30 % tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat abbażi tal-medja tal-fatturatta' dak in-negozju matul it-tliet snin kalendarji preċedenti.".

(2) fl-Artikolu 57(1) jiżdied il-punt li ġej:

"(e) kriżijiet tas-saħħa pubblika.".

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2020.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | G. GRLIĆ RADMAN |

**REGOLAMENT (UE) 2020/461 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-30 ta’ Marzu 2020**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Il-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (“il-Fond”) ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 ([2]). Il-Fond inħoloq biex jipprovdi assistenza finanzjarja lil Stati Membri wara diżastri maġġuri, bħala sinjal konkret ta’ solidarjetà Ewropea f’sitwazzjonijiet ta’ diffikultà.

(2) Fil-każ ta’ emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri, jenħtieġ li l-Unjoni turi s-solidarjetà tagħha ma’ Sstati Membri u l-popolazzjoni kkonċernata billi tipprovdi assistenza finanzjarja biex tgħin il-popolazzjoni affettwata, biex tikkontribwixxi għal ritorn rapidu lejn kundizzjonijiet ta’ għajxien normali fir-reġjuni affettwati u biex trażżan it-tixrid ta’ mard infettiv.

(3) Jenħtieġ li l-Unjoni turi wkoll is-solidarjetà fil-każ ta’ emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri mal-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni.

(4) Sitwazzjoni ta’ kriżi maġġuri tista’ tirriżulta minn emerġenzi tas-saħħa pubblika, b’mod partikolari pandemija virali ddikjarata uffiċjalment. Il-Fond jippermetti lill-Unjoni tgħin fil-mobilizzazzjoni tas-servizzi ta’ emerġenza biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet immedjati tan-nies u biex tikkontribwixxi għar-restawr fit-terminu qasir tal-infrastruttura ewlenija danneġġata sabiex l-attività ekonomika tkun tista’ tibda mill-ġdid fir-reġjuni milqutin mid-diżastru. Madanakollu, dak il-Fond bħalissa huwa limitat għal diżastri naturali li jikkawżaw ħsara fiżika u ma jinkludix diżastri maġġuri minħabba perikli bijoloġiċi. Jenħtieġ li jkun hemm provvediment biex l-Unjoni tkun tista’ tintervjeni fil-każ ta’ emerġenzi ta’ saħħa pubblika maġġuri.

(5) L-għan tal-azzjoni li trid tittieħed huwa li tikkomplementa l-isforzi tal-Istati kkonċernati f’każijiet bħal dawn meta l-effetti ta’ sitwazzjoni ta’ kriżi jkunu ta’ tali gravità li dawk l-Istati ma jkunux jistgħu jindirizzaw is-sitwazzjoni permezz tal-mezzi tagħhom stess waħedhom. Minħabba li dak l-għan ma jistax jinkiseb b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista’, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(6) F’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-azzjoni skont dan ir-Regolament tkun limitata għal emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri. Dawk l-emerġenzi jenħtieġ li jiġu definiti skont il-bażi tan-nefqa pubblika meħtieġa biex jiġu indirizzati.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta’ Marzu 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Marzu 2020.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta’ Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

(7) Jenħtieġ li l-assistenza tal-Unjoni tkun komplementari għall-isforzi tal-Istati kkonċernati u tintuża sabiex tkopri sehem min-nefqa pubblika impenjata biex tittratta l-aktar operazzjonijiet ta' emerġenza essenzjali li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ta' emerġenza.

(8) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-assistenza tal-Unjoni tingħata biss wara applikazzjoni mill-Istat affettwat. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura trattament ekwu tat-talbiet ippreżentati mill-Istati.

(9) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni rapida li timpenja riżorsi finanzjarji speċifiċi u li timmobilizzahom malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ għalhekk li d-dispożizzjonijiet eżistenti biex isiru l-ħlasijiet bil-quddiem jissaħħu billi jiżdiedu l-ammonti tagħhom.

(10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(11) Fid-dawl tat-tifqigħa COVID-19 u tal-urġenza biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata, tqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2012/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Wara talba ta' Stat Membru jew ta' pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Stat eliġibbli", l-assistenza mill-Fond tista' tiġi mobilizzata meta jseħħu riperkussjonijiet serji għall-kundizzjonijiet tal-għajxien, is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent naturali jew l-ekonomija f'reġjun wieħed jew iktar ta' dak l-Istat eliġibbli bħala konsegwenza ta':

(a) diżastru naturali maġġuri jew reġjonali li jkun seħħ fit-territorju tal-istess Stat eliġibbli jew ta' Stat eliġibbli ġar; jew

(b) emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri li tkun seħħet fit-territorju tal-istess Stat eliġibbli.

Ħsara diretta kkawżata bħala l-konsegwenza diretta ta' diżastru naturali għandha titqies bħala parti mill-ħsara kkawżata minn dak id-diżastru naturali.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali maġġuri" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li, fi Stat eliġibbli, jirriżulta fi ħsara diretta stmata jew iktar minn EUR 3 000 000 000 bil-prezzijiet tal-2011, jew iktar minn 0,6 % tad-DNG tiegħu.

2a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "emerġenza ta' saħħa pubblika maġġuri" tfisser kull periklu ta' theddid għall-ħajja jew ta' periklu serju ieħor għas-saħħa ta' oriġini bijoloġika fi Stat eliġibbli li jaffettwa b'mod serju s-saħħa tal-bniedem u li jeħtieġ azzjoni deċiżiva biex jitrażżan it-tixrid ulterjuri, li jirriżulta f'piż finanzjarju pubbliku impost fuq l-Istat eliġibbli għal miżuri ta' rispons għal emerġenza li jkun stmat li jkun aktar minn EUR 1 500 000 000 bil-prezzijiet tal-2011, jew aktar minn 0,3 % tad-DNG tiegħu.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali reġjonali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li, f'reġjun ta' livell NUTS 2 ta' Stat eliġibbli, jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG) ta' dak ir-reġjun.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta r-reġjun ikkonċernat, fejn ikun seħħ diżastru naturali, ikun reġjun ultraperiferiku fis-sens tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, "diżastru naturali reġjonali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1 % tal-PDG ta' dak ir-reġjun.

Meta d-diżastru naturali jkun jikkonċerna bosta reġjuni ta' livell NUTS 2, il-limitu minimu għandu jiġi applikat għall-medja tal-PDG ta' dawk ir-reġjuni, ponderata skont is-sehem tal-ħsara totali f'kull reġjun.

4. L-assistenza mill-Fond tista' tkun mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li jkun ukoll diżastru naturali maġġuri fi Stat eliġibbli ġar.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża d-*data* statistika armonizzata pprovduta mill-Eurostat.".

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-assistenza għandha tieħu l-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond. Għal kull diżastru jew emerġenza eliġibbli għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja waħda lil Stat eliġibbli.

2. L-għan tal-Fond huwa li jikkomplementa l-isforzi tal-Istati kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa pubblika tagħhom sabiex jgħin lill-Istat eliġibbli jwettaq, skont it-tip ta' diżastru jew emerġenza eliġibbli, l-operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza u rkupru li ġejjin:

(a) ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti biex jerġgħu jiġu jiffunzjonaw fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni;

(b) il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' salvataġġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni kkonċernata;

(c) l-iżgurar ta' infrastruttura preventiva u ta' miżuri ta' protezzjoni ta' wirt kulturali;

(d) it-tindif ta' żoni milquta minn diżastri, inklużi żoni naturali, f'konformità, meta jkun il-każ, ma' approċċi bbażati fuq l-ekosistema, kif ukoll ir-restawr immedjat ta' żoni naturali affettwati biex jiġu evitati effetti immedjati mill-erożjoni tal-ħamrija;

(e) miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu assistenza rapida, inkluż dik medika, lill-popolazzjoni affettwata minn emerġenza ta' saħħa pubblika maġġuri u li jipproteġu lill-popolazzjoni mir-riskju li tiġi affettwata, inkluż il-prevenzjoni, il-monitoraġġ jew il-kontroll tat-tixrid tal-mard, il-ġlieda kontra riskji serji għas-saħħa pubblika jew il-mitigazzjoni tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa pubblika.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, "restawr biex jerġgħu jiġu jiffunzjonaw" tfisser ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti għall-kundizzjoni tagħhom ta' qabel ma seħħ id-diżastru naturali. Meta ma jkunx legalment possibbli jew ekonomikament ġustifikat li tinġab lura l-kondizzjoni għal kif kienet qabel ma seħħ id-diżastru naturali, jew meta l-istat benefiċjarju jiddeċiedi li jirriloka jew itejjeb il-funzjonalità tal-infrastruttura jew l-impjant affettwat sabiex itejjeb il-kapaċità tagħhom biex ikunu jifilħu għal diżastri naturali futuri, il-Fond jista' jikkontribwixxi għall-ispiża tar-restawr biss sal-ispiża stmata biex jinġab lura l-i*status quo ante* tagħhom.

Spejjeż li jaqbżu l-livell tal-ispiża msemmija fit-tieni subparagrafu għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istat benefiċjarju mill-fondi tiegħu stess, jew meta jkun possibbli, minn fondi oħra tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, "akkomodazzjoni temporanja" tfisser akkomodazzjoni li ddum sakemm in-nies tal-popolazzjoni kkonċernata jkunu jistgħu jirritormaw fid-djar oriġinali tagħhom wara li jkunu saru t-tiswijiet tagħhom jew ikunu nbnew mill-ġdid.".

(3) Fl-Artikolu 4a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont tal-ħlas bil-quddiem ma għandux jaqbeż il-25 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja antiċipata u fl-ebda każ ma għandu jaqbeż EUR 100 000 000. Ladarba jkun ġie determinat l-ammont definittiv tal-kontribuzzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra s-somma tal-ħlas bil-quddiem qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu indebitament.".

4. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perijodu ta' 18-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat benefiċjarju għandu jippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond b'dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa, filwaqt li jindika kwalunkwe sors ta' finanzjament ieħor li jkun wasal għall-operazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-saldi ta' assigurazzjonijiet u kumpens minn partijiet terzi.

Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni għandu jistipula, skont in-natura tad-diżastru jew l-emerġenza eliġibbli:

(a) il-miżuri preventivi, meħudin jew proposti mill-Istat benefiċjarju biex jillimita l-ħsara futura u biex jevita, kemm jista' jkun, ir-rikorrenza ta' diżastri naturali jew emerġenzi tas-saħħa pubblika simili, inkluż l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għal din il-fini;

(b) l-istat ta' implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri;

(c) l-esperjenza miksuba mid-diżastru jew l-emerġenza u l-miżuri meħudin jew proposti biex ikunu żgurati l-protezzjoni u r-reżiljenza ambjentali rigward it-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali u l-emerġenzi tas-saħħa pubblika; u

(d) kull informazzjoni rilevanti oħra dwar miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni meħudin relatati man-natura tad-diżastru naturali jew l-emerġenza tas-saħħa pubblika.

Ir-rapport ta' implimentazzjoni għandu jkun akkumpanjat minn opinjoni ta' korp tal-awditjar indipendenti, imfassla skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, li tistabbilixxi jekk id-dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa tagħtix dehra reali u ġusta u jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond tkunx legali u regolari, f'konformità mal-Artikoli 59(5) u 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Fi tmiem il-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha ttemm l-assistenza mill-Fond."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2020.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | G. GRLIĆ RADMAN |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/462

**tal-20 ta' Frar 2020**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' informazzjoni biex jiġi evalwat l-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3), l-ewwel subparagrafu, u (4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ([1]) (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") ġie konkluż f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni 2000/204/KE, KEFA tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/217 ([3]) tiegħu, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ([4]) (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim Emendatorju"), bil-għan li l-preferenzi tariffarji previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġu estiżi għall-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent.

(3) F'konformità mal-Artikolu 81 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, ġie stabbilit Kumitat ta' Assoċjazzjoni, inkarigat li jieħu ħsieb il-ġestjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Taħt l-Artikolu 83 tal-istess Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet għall-ġestjoni tal-Ftehim kif ukoll fl-oqsma li fihom il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun iddelegalu s-setgħat tiegħu.

(4) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Emendatorju, għandu l-obbligu jadotta deċiżjoni dwar il-modalitajiet tal-evalwazzjoni tal-impatt tal-Ftehim Emendatorju, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli u speċjalment f'dak li jirrigwarda l-vantaġġi għall-popolazzjonijiet ikkonċernati u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent.

(5) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni billi d-deċiżjoni prevista tkun vinkolanti għall-Unjoni.

([1]) ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

([2]) Id-Deċiżjoni 2000/204/KE, KEFA tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 70, 18.3.2000, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/217 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal- Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r- Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 34, 6.2.2019, p. 1).

([4]) ĠU L 34, 6.2.2019, p. 4.

(6) Sabiex jiġi żgurat segwitu għall-effetti tal-Ftehim Emendatorju fuq il-popolazzjonijiet ikkonċernati u fuq l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati, il-Ftehim Emendatorju jipprevedi espliċitament qafas xieraq u proċedura xierqa li jippermettu lill-Partijiet li, permezz ta' skambji regolari ta' informazzjoni, jevalwaw l-impatt tiegħu matul l-implimentazzjoni tiegħu. L-Unjoni u r-Renju tal-Marokk qablu li reċiprokament jiskambjaw informazzjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mill-inqas darba fis-sena. Għalhekk jenħtieġ li jiġu determinati l-modalitajiet speċifiċi għal dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

(7) L-għan tal-iskambju ta' informazzjoni jikkorrispondi għall-għan tar-rapport tal-11 ta' Ġunju 2018 imfassal mis-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar il-benefiċċji għall-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent, u dwar il-konsultazzjoni ta' dik il-popolazzjoni, tal-estensjoni ta' preferenzi tariffarji għall-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent.

(8) F'dak li jirrigwarda l-impatt fuq l-ekonomija tat-territorju, l-informazzjoni disponibbli sa issa tikkonċerna l-aktar lill-agrikoltura u lis-sajd, iżda l-preferenzi jikkonċernaw lill-prodotti kollha; id-*data* skambjata tista' b'hekk tevolvi skont l-evoluzzjoni tal-attivitajiet fis-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, l-iskambju ta' informazzjoni ma jiffokax esklussivament fuq l-aspetti ekonomiċi (il-benefiċċji fis-sens strett) iżda jrid jippermetti evalwazzjoni usa', li tinkorpora aspetti tali bħall-iżvilupp sostenibbli u l-impatt fuq l-isfruttament tar-riżorsi naturali.

(9) Ir-Renju tal-Marokk għalhekk aċċetta li jistabbilixxi, separatament, mekkaniżmu għall-ġbir ta' *data* statistika dwar l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent, u din id-*data* se titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll tas-servizzi doganali tal-Istati Membri fuq bażi ta' kull xahar.

(10) Ir-Renju tal-Marokk se jkun jista' jitlob lill-Unjoni għal informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-kummerċ ta' kategoriji ta' prodotti speċifiċi ta' interess għar-Renju tal-Marokk, abbażi tas-sistemi tal-informazzjoni li diġà jeżistu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Renju tal-Marokk, stabbilit permezz tal-Artikolu 81 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-imsemmi Kumitat ta' Assoċjazzjoni li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. DIVJAK

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI Nru ../.....**

**TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-RENJU TAL-MAROKK**

**ta'...**

**dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk bil-għan li jiġi evalwat l-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra**

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-RENJU TAL-MAROKK,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju tas-26 ta' Frar 1996 li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu

Wara li kkunsidra l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra,

Billi:

(1) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2019.

(2) Dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri ġie konkluż mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-Unjoni Ewropea dwar l-istatus tas-Saħara tal-Punent u r-Renju tal-Marokk fuq l-imsemmi reġjun.

(3) Permezz ta' dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, il-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk jibbenefikaw mill-istess preferenzi kummerċjali bħal dawk mogħtija mill-Unjoni Ewropea għall-prodotti koperti mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni").

(4) Fi spirtu ta' sħubija u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jevalwaw l-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp sostenibbli, speċjalment fir-rigward tal-vantaġġi għall-popolazzjonijiet ikkonċernati u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li jiskambjaw informazzjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

(5) Il-modalitajiet speċifiċi ta' dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni jridu jiġu adottati mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fi spirtu ta' sħubija u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jevalwaw l-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri matul l-applikazzjoni tiegħu f'perspettiva ta' żvilupp sostenibbli, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li jiskambjaw reċiprokament informazzjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fuq il-bażi ta' kull sena.

2. L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk għandhom jiskambjaw id-*data* meqjusa bħala pertinenti fis-setturi ta' attività ewlenin ikkonċernati kif ukoll informazzjoni statistika, ekonomika, soċjali u ambjentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-vantaġġi li jġib il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għall-popolazzjonijiet ikkonċernati u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati. Fl-anness ta' din id-Deċiżjoni tinsab lista' ta' informazzjoni pertinenti.

Dan l-iskambju se jsir abbażi ta' komunikazzjoni bil-miktub, trażmessa minn qabel, mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu ta' kull sena; din il-komunikazzjoni tista' tiġi segwita minn talbiet għal kjarifiki u minn kwistjonijiet supplementari, fl-ambitu tat-temi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Ir-risposti għandhom jingħataw mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju ta' kull sena.

3. Barra minn hekk, il-Partijiet qablu wkoll, fi spirtu ta' shubija u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jevalwaw l-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li r-Renju tal-Marokk jista' jitlob lill-Unjoni Ewropea għal informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-kummerċ ta' kategoriji ta' prodotti speċifiċi ta' interess partikolari għar-Renju tal-Marokk, abbażi tas-sistemi ta' informazzjoni li diġà jeżistu.

Għal dan il-għan, ir-Renju tal-Marokk jittrażmetti t-talba tiegħu bil-miktub lill-Unjoni Ewropea mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu ta' kull sena; din il-komunikazzjoni tista' tiġi segwita minn talbiet għal kjarifiki u minn kwistjonijiet supplementari. Ir-risposti għandhom jingħataw mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju ta' kull sena.

4. Il-Partijiet għandhom jieħdu nota ta' dawn l-iskambji fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni darba kull sena.

5. Il-Partijiet għandhom jaqblu, matul ix-xahar ta' wara l-laqgħa, dwar il-minuti li jinkludu l-konklużjonijiet tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 2*

L-Anness huwa parti integrali minn din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ... 2020

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE - Renju tal-Marokk*

*ANNESS*

**INFORMAZZJONI PERTINENTI FIL-QAFAS TAL-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI PREVIST FIL-FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI**

L-informazzjoni skambjata għandha tippermetti l-aġġornament tar-rapport imfassal mis-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-11 ta' Ġunju 2018 ([1]). L-iskambju ta' informazzjoni għandu b'hekk jinkorpora l-informazzjoni dettaljata li tippermetti li ssir l-evalwazzjoni tal-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri waqt li jkun qiegħed jiġi implimentat, inkluża informazzjoni ġenerali dwar it-territorji u l-popolazzjonijiet ikkonċernati. Din l-informazzjoni hija maħsuba biss għal finijiet ta' evalwazzjoni u għat-tfassil tal-aġġornamenti tar-rapport imsemmi mis-servizzi tal-Kummissjoni u mis-SEAE. Bħala indikazzjoni, dawn li ġejjin huma eżempji ta' informazzjoni pertinenti:

1. Informazzjoni pprovduta mir-Renju tal-Marokk:

   (a) Informazzjoni ġenerali:

   * statistika soċjo-ekonomika u statistika ambjentali.

   (b) Informazzjoni dwar is-setturi ekonomiċi ewlenin tal-esportazzjoni

   * il-produzzjoni skont it-tip ta' prodott;
   * is-superfiċji sfruttata u l-volumi tal-ħsad;
   * l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea skont il-volum u skont il-valur;
   * l-attivitajiet ekonomiċi tal-operaturi lokali relatati mas-setturi koperti mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri u l-impjiegi ġġenerati;
   * il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi;
   * l-istabbilimenti ta' produzzjoni.

2. Informazzjoni pprovduta mill-UE:

   Informazzjoni dwar il-kummerċ fi prodotti esportati lejn ir-Renju tal-Marokk skont il-kodiċi doganali, skont il-volum u skont il-valur, kif ukoll, sa fejn din l-istatistika tkun disponibbli, dwar il-produzzjoni ta' prodotti speċifiċi.

3. Informazzjoni pertinenti oħra:

   Kif previst fil-korrispondenza skambjata bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Missjoni tar-Renju tal-Marokk għall-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Diċembru 2018, ir-Renju tal-Marokk se jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ġbir tal-informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif emendat permezz tal-Iskambju ta' Ittri, li jipprovdi b'mod sistematiku u regolari, u kull xahar jagħmel disponibbli, *data* preċiża li tippermetti lill-Unjoni Ewropea jkollha informazzjoni trasparenti u affidabbli dwar l-oriġini ta' dawn l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, skont ir-reġjun ([2]). Il-Kummissjoni Ewropea għandha jkollha aċċess dirett għal din id-*data* li hija għandha taqsam mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

   Min-naħa tiegħu, ir-Renju tal-Marokk se jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu informazzjoni statistika trasparenti u affidabbli dwar l-esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn ir-Renju tal-Marokk.

([1]) "Rapport dwar il-benefiċċji għall-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent, u dwar il-konsultazzjoni ta' din il-popolazzjoni, tal-estensjoni ta' preferenzi tariffarji għall-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent" tal-11 ta' Ġunju 2018 (SWD/2018/346 final).

([2]) NB: dan il-mekkaniżmu ilu operattiv mill-1 ta' Ottubru 2019.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT